# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru 2018**

**Kawza Numru : 8**
**Rikors Guramentat Numru : 754/2018 LSO**

**Theresa Vella**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Theresa Vella KI 0131457M datat 17 ta' Lulju 2018 fejn bil-gurament taghha kkonfermat:-

Illi r-rikorrenti tigi bint Vincent Bartolo u Gemma Bartolo xebba Cassar.

Illi nhar it-3 ta' Awwissu tas-sena 1975, ir-rikorrenti kienet izzewget lil certu Joseph Vella u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument TV 1.

Illi zewg ir-rikorrenti u cioe` Joseph Vella gie nieqes nhar il-11 ta' Dicembru tas-sena 2014.

Illi gie a konjizzjoni tar-rikorrenti li fic-certifikat tal-mewt ta' zewgha kien hemm imnizzel li hu armel taghha u dan kif jidher mic-certifikat anness u mmarkat Dokument TV 2.

Illi r-rikorrenti tinforma lil din l-Onorabbli Qorti li dan huwa zball billi hi certament ghadha hajja.

Illi ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza;

Jghid ghalhekk il-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li jirrizulta zball fic-certifikat tal-mewt bin-numru 22/2015 (Dok TV 2) fil-kolonna 'Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla' fejn hu mnizzel li Joseph Vella hu l-armel tar-rikorrenti;

2. Tordna lill-intimat jaghmel korrezzjoni fl-atti tac-certikat tal-mewt 22/2015 ta' zewgha Joseph Vella, fis-sens illi fil-

kolonna 'Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla', jitnehha l-kliem 'Widower of Tessie Vella nee' Bartolo' u jigi sostitwit bil-kliem opportun;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti thoss li huma idoneji, inkluz li jigi ppublikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex jigi msejjah kull min ghandu interess jiddikjara jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba u dan *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kap 16.
Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 14 ta’ Awwissu 2018 (fol 17) fejn Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma dan li gej:

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeccepixxi illi r-rikorrenti ghandha rimedju ordinarju iehor sabiex titlob korrezzjoni fl-Att tal-Mewt tad-decujus. Dan ir-rimedju huwa stipulat f’ Artikolu 257(1 )(a) tal-Kodici Civili li jippermetti korrezzjoni ta' jekk il-mejjet kienx mizzewweg jew le, armel jew armla - liema korrezzjoni tista' ssir fuq ordni bil-miktub mill-Imhallef irtirat jew il-Magistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili.

2. Illli bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti kif prezentati fir-rikors guramentat.

3. Illi l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghal korrezzjoni fl-Att tal-Mewt bin-numru 22/2015 skont kif mitlub mill-attrici fir-rikors guramentat.

4. Illi l-esponenti jeccepixxi illi l-azzjoni tal-attrici m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent. Ghaldaqstant, l-esponent m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispjjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 9 ta’ Ottubru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. L-attrici prezenti fl-Awla. Dr Mifsud infurmat lill-Qorti li qed tassisti lill-attrici mill-Ufficcju tal-Ghajnuna Legali, u kwindi m'ghadhiex tigi adebitata l-ispejjez ta’ din il-kawza. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi u talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Novembru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-30 ta' Lulju 2018.

Illi r-rikorrenti qed titlob li ssir korrezzjoni fl-att tal-mewt numru 22/2015 billi fejn hemm imnizzel li "Joseph Vella hu armel tar-rikorrenti" dan jigi korrett u jitqieghed il-kliem opportun peress li d-defunt Joseph Vella gie nieqes fil-11 ta' Dicembru 2014, kwindi mhuwiex armel tar-rikorrenti izda hija hi l-armla.

Ikkonsidrat li l-intimat ma oggezzjonax ghat-talba kif dedotta, ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi r-rikorrenti spjegat fir-rikors promotur, li hi kienet izzewget lil Joseph Vella fit-3 ta' Awwissu 1975, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg Dok TV1. Illi in segwitu ghall-mewt ta' Joseph Vella fil-11 ta' Dicembru 2014, fic-certifikat tal-mewt Dok TV2, zewgha gie mnizzel li hu armel taghha.

Illi *in vista* ta' dak eccepit mill-istess intimat, li m'hemmx oggezzjoni ghat-talba odjerna fil-mertu, issib li t-talba odjerna hija gustifikata kif trid il-ligi, *stante* li huwa evidenti li sar zball fic-certifikat tal-mewt ta' Joseph Vella Dok TV2.

Ghalhekk, *stante* li jidher li dan kien zball da parti tad-Direttur intimat, tichad ir-raba' eccezzjoni tal-intimat, *stante* li ma jaghmilx sens li fl-att tal-mewt tal-istess Joseph Vella jitnizzel li hu armel ta' martu Theresa Vella, li ghadha hajja. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti m'ghandhiex tigi addebitata l-ispejjez ta' dan il-kaz, peress li dak imnizzel fl-att tal-mewt, huwa frott ta' zball.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li jirrizulta zball fic-certifikat tal-mewt numru 22/2015 (Dok TV2) fil-kolonna "Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla" fejn hu mnizzel li Joseph Vella hu l-armel tar-rikorrenti.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat jaghmel korrezzjoni fl-atti tac-certifikat tal-mewt numru 22/2015 ta' Joseph Vella, fis-sens li fil-kolonna "Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla", jitnehha l-kliem 'Widower of Tessie Vella nee` Bartolo' u jigi sostitwit bil-kliem "mizzewweg lil Theresa Vella nee Bartolo".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mid-Direttur intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Novembru 2018**